ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2017

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi. Ħaddem id-diska kompatta u ara li kulħadd qed jisma'. L-iskript jinqara darbtejn.

2. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**

***Issa se naqralkom silta qasira. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet fuqha. Is-silta u l-mistoqsijiet se jinqraw darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara terġgħu tisimgħu s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed tisimgħu s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Is-silta se tinqara issa.***

Insellmilkom, tfal. Jiena n-Nanna Pina, jew aħjar kif isibuni n-neputijiet, in-Nanna Pin. Illum in-neputijiet tiegħi kibru, imma meta kienu żgħar kont nirrakkontalhom storja li ma kinux jixbgħu jisimgħuha. Illum nixtieq nirrakkontaha lilkom.

Mela darba kien hemm tewmin. Kienu subien. Wieħed kien jismu Ġanni u l-ieħor Peppi. Kulħadd kien jitfixkilhom għaliex kienu fula maqsuma. Imma jekk fid-dehra kienu l-istess, ma nistgħux ngħidu l-istess għall-mod kif kienu jġibu ruħhom.

Ġanni kellu ħbieb bil-gzuz imma Peppi kien iħobb joqgħod waħdu. Ġanni kien iħobb il-ħelu imma Peppi kien iħobb l-ikel imħawwar bil-bżar u qatt ma kien jidħol f'ħanut tal-ħelu. Filwaqt li Ġanni kien jaqsam dak li jkollu ma' ħaddieħor, Peppi kien iżomm kollox għalih f'moħba li kellu fil-kamra tas-sodda tiegħu.

Meta t-tewmin kibru, missierhom ried jaqsmilhom ġidu b'mod indaqs, iżda Peppi ma qabilx. Peppi ried li min ikun l-aktar b'saħħtu u intelliġenti jieħu l-aktar. Missierhom, għalhekk, iddeċieda li jorganizza kompetizzjoni bejniethom it-tnejn. Libbishom ċintorin li jimmarka d-distanzi u qalilhom li flusu se jaqsamhom skont kemm wieħed ikun mexa fil-bosk u jasal lura ħdejh ma' nżul ix-xemx.

L-għada filgħodu, ma' tlugħ ix-xemx, it-tewmin telqu għal għonq it-triq. Xħin sar nofsinhar, Ġanni ħaseb li aħjar idur lura ħalli jilħaq jasal ħdejn missieru qabel jidlam; iżda Peppi ħaseb li jekk jibqa' miexi jkun jista' jieħu sehem ikbar mill-ġid ta' missieru. Ġara, iżda, li xħin dar lura, ix-xemx kienet diġà niżlet biċċa sewwa. Fil-bosk waqa' dlam ċappa u Peppi ma setax isib it-triq lura. L-unika ħaġa li seta' jagħmel kien li jieqaf jistenna sakemm jerġa' jisbaħ.

Peppi għamel iżjed distanza iżda ma wasalx lura ħdejn missieru ma' nżul ix-xemx. Ehh...dak li jiġrilu min dejjem irid iktar: jitlef il-qaleb u l-ġbejna!

Nittama li għoġbot lilkom ukoll din l-istorja, tfal!

* * *

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet fuqha. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***In-numru wieħed***
F'din is-silta qiegħda titkellem in-Nanna Pin. ***Veru jew falz?***

***In-numru tnejn***
In-Nanna Pin qatt ma rrakkontatilhom storja lin-neputijiet tagħha. ***Veru jew falz?***

***In-numru tlieta***
It-tewmin kienu tifel u tifla. ***Veru jew falz?***

***In-numru erbgħa***
Ġanni kellu ħafna ħbieb. ***Veru jew falz?***

***In-numru ħamsa***
Missier Ġanni u Peppi kien fqir ħafna. ***Veru jew falz?***

***In-numru sitta***
Il-kompetizzjoni bdiet billejl. ***Veru jew falz?***

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed***
L-ikel favorit ta' Peppi huwa
a) il-ħelu.
b) ikel jaħraq u mħawwar.
ċ) ikel kiesaħ.

*In-numru tnejn*

Peppi kien jaħbi l-affarijiet tiegħu

a) f'ħanut tal-ħelu.

b) fil-bosk.

ċ) fil-kamra tas-sodda.

*In-numru tlieta*

Missier it-tewmin xtaq

a) jagħti l-aktar ġid lil min hu l-aktar b'saħħtu.

b) jaqsam ġidu ndaqs.

ċ) jagħti ammont ikbar lil Ġanni.

*In-numru erbgħa*

Ġanni u Peppi kellhom jieħdu sehem

a) fi ġlieda.

b) f'kompetizzjoni.

ċ) f'logħba.

*In-numru ħamsa*

Qabel ma telqu, missierhom libbishom

a) arloġġ.

b) ċintorin.

ċ) kappell.

*In-numru sitta*

It-tewmin kellhom jaslu lura

a) l-għada filgħodu.

b) dakinhar f'nofsinhar.

ċ) dakinhar stess qabel jidlam.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.***

***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

*In-numru wieħed*

It-tewmin kellhom l-istess dehra imma karattru ________________ .

*In-numru tnejn*

Min ________________ l-aktar fil-bosk jieħu l-aktar ________________.

*In-numru tlieta*

Peppi ma setax jimxi t-triq lura għaliex laħaq ________________. Huwa ________________ il-kompetizzjoni.

***Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.***
***Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.***

*In-numru wieħed*

Fl-istorja nisimgħu li t-tewmin kienu **fula maqsuma**.

Din l-espressjoni tfisser li:

a) ma kinux jaqblu.
b) kienu jixxiebhu ħafna.
ċ) kienu jħobbu jieklu l-ful.

*In-numru tnejn*

Fl-istorja nisimgħu li l-għada t-tewmin telqu **għal għonq it-triq**.

Din l-espressjoni tfisser li:

a) waqfu f'tarf it-triq.
b) telqu għal mixja twila.
ċ) telqu kmieni.

*In-numru tlieta*

Fi tmiem l-istorja nisimgħu il-qawl **tilef il-qaleb u l-ġbejna**.

Dan il-qawl ifisser li:

a) wasal tard.
b) ma rebaħx ġbejniet.
ċ) tilef kollox.

***Issa se terġgħu tisimgħu s-silta u wara l-mistoqsijiet, tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

* * *

**Wara li jinstemgħu s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ħames minuti lit-tfal biex tara li jkunu lestew it-tweġibiet tagħhom. Fl-aħħar tista' tgħid:**

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***